## Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2016/C 214/05)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) qed jiġu emendati kif ġej:

*Fil-paġna 94, wara t-test tal-intestatura 2103* ***"Zlazi u preparazzjonijiet tagħhom; kondimenti mħalltin u ħwawar imħalltin; dqiq u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata"*** *jiddaħħal it-test li ġej:*

> "Din l-intestatura tinkludi wkoll prodotti ppreżentati bħala zlazi ħelwin ta' togħmiet differenti (pereżempju, il-karamella), jekk ma jkunux inklużi taħt intestatura aktar speċifika (pereżempju zlazi li jkun fihom kawkaw tal-intestatura 1806, jew ġuleppijiet taz-zokkor b'togħmiet miżjuda, jew ikkuluriti tal-intestatura 2106). Dawn jistgħu jintużaw *inter alia* bħala zlazi għad-deżerti jew għal fuq id-deżerti (pereżempju għall-ġelati jew għall-pudini)."

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.

## Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2016/C 214/06)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) qed jiġu emendati kif ġej:

*Fil-paġna 69, fin-Nota ta' Spjega għas-subintestatura tan-NM "***1211 90 86 Oħrajn***", bejn il-punt 5 u l-aħħar sentenza jiddaħħal it-test li ġej:*

> "6. Ħliefa ta' żerriegħet il-briegħed (*Plantago ovata*) fil-forma ta' frak eteroġenju, miksub permezz tad-dris."

*Fil-paġna 71, bejn in-Nota ta' Spjega għas-subintestatura tan-NM "***1302 20 10 u 1302 20 90 sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati***" u n-Nota ta' Spjega għas-subintestatura tan-NM "***1302 31 00 Agar-agar***" jiddaħħal it-test li ġej:*

| | |
|---|---|
| "**1302 31 00 sa 1302 39 00** | **Muċilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali** |
| | Sakemm il-prodott jew jintefaħ fl-ilma kiesaħ jew jinħall fil-misħun, il-kriterji msemmijin fin-Noti ta' Spjega tas-SA tal-intestatura 1302, (C), l-ewwel paragrafu, ikunu ssodisfati." |

*Fil-paġna 71, fin-Nota ta' Spjega għas-subintestatura tan-NM "***1302 39 00 Oħrajn***", wara l-punt 4 jiddaħħal it-test li ġej:*

> "5. Idrokollojdi miksuba mill-ħliefa ta' żerriegħet il-briegħed (*Plantago ovata*)."

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.